

Brussell, 9 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14370/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0243(NLE)

UD 209
MED 43
COMER 118
ECOFIN 1121
POLCOM 269

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 441 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni 1/2023 ta' dak il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 441 final.

Mehmuż: COM(2024) 441 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2024
COM(2024) 441 final

2024/0243 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni 1/2023 ta' dak il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Kumitat Konġunt") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji

Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji¹ (il-Konvenzjoni) tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orijini tal-oġġetti nnegożjati skont Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti.

Il-Konvenzjoni tistabbilixxi qafas multilaterali ta' regoli tal-orijini għal network ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, u tapplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f'dawk il-ftehimiet. Il-Konvenzjoni tipprevedi l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni djagonali bejn il-25 Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni: l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, il-Palestina², is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo*, il-Gżejjer Faeroe, ir-Repibblika tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna (il-Partijiet Kontraenti). Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ b'rabta mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012.

Il-Konvenzjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 rigward l-emenda tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orijini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (il-Konvenzjoni riveduta). Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025³.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni jadotta emendi tal-Konvenzjoni, jamministraha u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tagħha f'konformità mal-Artikolu 4. F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati b'vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti li għalihom tkun daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni, preżenti jew rappreżentati fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

Il-Partijiet Kontraenti li għalihom daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni għandhom id-drittijiet tal-vot. Kull Parti Kontraenti għandha vot wieħed.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Fis-16-il laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjoni rigward l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku (l-att previst).

¹ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

² Dan l-isem ma għandux jiġi interpretat bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni

* Din id-deżinjazzjoni hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u mal-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo.

³ ĠU L, 2024/390, 19.2.2024.

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku skont il-Konvenzjoni.

L-att previst se jkun vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-Artikolu 4(3)(a), li jiddikjara: "Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, permezz ta' deċiżjonijiet, emendi għal din il-Konvenzjoni". Barra minn hekk, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 4(3) tgħid: "Id-deċiżjonijiet previsti f'dan il-paragrafu għandhom jiddaħħlu fis-seħħ mill-Partijiet Kontraenti skont il-leġislazzjoni tagħhom stess."

Din l-emenda tad-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Fil-bidu tal-2020, il-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni li għall-maġġoranza tas-sħab kummerċjali kien impossibbli li jipprovdu ċertifikati tal-moviment għal finijiet ta' oriġini preferenzjali fil-forma dovuta (jiġifieri ffirmati bl-idejn, ittimbrati bil-linka mxarrba jew fil-format it-tajjeb tal-karta). Dan minħabba l-kuntatti bejn l-amministrazzjonijiet doganali u l-operaturi ekonomiċi li ġew sospiżi f'għadd ta' Partijiet Kontraenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Ġew adottati miżuri eċċezzjonali fuq bażi reċiproka biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-arranġamenti. L-awtoritajiet doganali ġew mistiedna jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment għal finijiet preferenzjali. Dawn inħarġu b'mod elettroniku b'firma, timbru jew siġill diġitali tal-awtoritajiet kompetenti, jew b'kopja f'forma stampata jew elettronika (skennjata jew disponibbli online).

Il-Partijiet Kontraenti rrikonoxxew li l-miżuri eċċezzjonali adottati minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kienu ta' benefiċċju għall-esperjenza tal-kummerċ preferenzjali, u kienu interessati jkomplu l-prattiki tajba introdotti skont il-miżuri eċċezzjonali. F'dan il-kuntest, irrikonoxxew l-importanza li jiġu introdotti mezzi elettroniċi u li ssir hídma konġunta lejn sistema komuni bbażata fuq il-provi elettroniċi tal-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva elektronika fir-reġjun pan-Ewro-Mediterranju (PEM).

Il-Partijiet Kontraenti jqisu li t-tranżizzjoni lejn sistema li toħroġ iċ-ċertifikati tal-moviment b'mod elettroniku u li tippredvi kooperazzjoni amministrattiva elektronika skont il-Konvenzjoni, tikkostitwixxi l-ewwel passi lejn diġitalizzazzjoni sħiħa tal-provi tal-oriġini fir-reġjun PEM kollu. Dan għandu jitqies speċjalment fid-dawl tad-dħul fis-seħħ li ġej tal-emenda tal-Konvenzjoni (il-Konvenzjoni riveduta).

Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet dwar il-provi tal-oriġini fil-forma ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni qed tippredvi li tistabbilixxi sistema elektronika għal dan li ġej: (i) il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku; (ii) il-ħruġ ta' dawh iċ-ċertifikati; u (iii) il-ħżin tal-informazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u mal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Is-sistema elektronika għaċ-ċertifikati tal-prova tal-oriġini ("is-sistema e-PoC tal-UE") jenħtieġ li tiġi stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjonijiet tiegħu.

Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kumitat Konġunt adotta r-Rakkomandazzjoni 1/2023⁴ dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku skont il-Konvenzjoni.

⁴ ĠU L, 2024/243, 15.1.2024.

Ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi lista ta' kundizzjonijiet. Ladarba jiġu ssodisfati, dawn jikkostitwixxu prova tal-orijini fl-għamla ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 li l-parti importatriċi tkun tista' taċċetta.

Dawn il-kundizzjonijiet huma identiċi għal daww f'din il-proposta li jistabbilixxu r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-orijini maħruġa b'mod elettroniku.

Sabiex jiġi pprovdut qafas legali ċar u biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-użu ta' ċertifikati elettroniċi fil-kuntest tat-tranżizzjoni mill-Konvenzjoni attwali għall-Konvenzjoni riveduta, li se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025, il-Konvenzjoni jenħtieġ li tiġi emendata skont dan biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-orijini maħruġa b'mod elettroniku f'konformità mal-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi I.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċizzjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatur tal-Unjoni⁵".

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċizzjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċizzjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva għad-deċizzjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Konvenzjoni, jixraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni 1/2023 ta' dak il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji (il-Konvenzjoni) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94¹/UE u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012.
- (2) Skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(3), il-punt (a), tal-Konvenzjoni, il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni (il-Kumitat Konġunt) jista' jadotta emendi tal-Konvenzjoni permezz ta' deċiżjoni.
- (3) Il-Kumitat Konġunt, matul is-16-il laqgħa tiegħu, mistenni jadotta deċiżjoni dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku.
- (4) Il-Konvenzjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Kongunt² li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025. Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kumitat Konġunt adotta r-Rakkomandazzjoni 1/2023³ dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku skont il-qafas tal-Konvenzjoni. Sabiex jiġi pprovdut qafas legali ċar u biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-użu taċ-ċertifikati elettroniċi tal-moviment fil-kuntest tat-tranżizzjoni mir-regoli attwali tal-Konvenzjoni għar-regoli riveduti tal-Konvenzjoni, li se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025, id-Deċiżjoni 1/2023 jenħtieġ li tiġi emendata biex il-Konvenzjoni riveduta tinkludi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-orijini maħruġa b'mod elettroniku fl-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni riveduta.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94(1)/oj)).

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-emendar tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orijini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L, 2024/390, 19.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/390/oj>).

³ Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku (ĠU L 2024/243, 15.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2024/243/oj>).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-16-il laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President